**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima., LL.D.**

**Appell Nru: 385/2021**

**Appell Nru: 386/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Zac Zammit**

Illum, 29 ta' April 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant/appellat, Zac Zammit, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 415701L, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Nhar is-6 ta' Ġunju, 2019, għall-ħabta tal-11:20hrs fil-Port ta' Marsamxett u fl-ibħra interni u territorjali ta' Malta, waqt li kien qed jsuq tender tal-bastiment Anastasia ħaddem bastiment zgħir li jaħdem bil-mutur mingħajr liċenzja nawtika u dan bi ksur ta' SL 499.52, Regolament 45 it-Tielet Skeda.
2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq, ħalla jew ippermetta li jinstaq bastiment, *speedboat* jew xi inġenju ieħor tal-baħar li jitħaddem bil-mutur bi speed ta' iktar minn 10 knots f'xi port u dan bi ksur ta' Reg. 25(a) SL 499.52.
3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq, ħalla jew ippermetta li jinstaq kwalunkwe bastiment zgħir li jaħdem bil-mutur b'veloċita' li, fiċ-ċirkostanzi partikolari, x'aktarx ikun ta' periklu għal-ħajja jew jista' jikkaġuna korriment jew iwassal għal xi kollizjoni u dan bi ksur tar-Reg. 26 u Reg. 45 tat-Tielet Skeda LS 499.52.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont ir-Regolament 43(4)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52, tapplika l-provvediment tar-Regolament 47(1) u tiskwalifika lil Zac Zammit milli jkollu liċenzja jew li jikseb liċenzja għal żmien ta' tnax il-xahar mid-data ta' meta jkun instab ħati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-28 ta' Settembru, 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-liġi relevanti, senjatament ir-regolamenti 25(a); 26; 43; 45; 47, u t-Tielet Skeda tal-Ligi Sussidjarja 499.52, illiberat lil imputat Zac Zammit mit-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għall-multa ta' Euro 500 (€500), li fin-nuqqas ta' ħlas, għandha tkun ikkonvertita f'perjodu ta' priġunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti skwalifikat lil Zac Zammit milli jkollu liċenzja nawtika jew li jikseb l-istess liċenzja għall-perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appellant, Zac Zammit, ppreżentat fit-13 ta' Ottubru, 2021, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet, u;
2. Tħassarha in kwantu sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u kwindi tilliberah minnha.

Rat ir-rikors tal-appell ta'l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-03 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u tħassarha f'dik il-parti fejn:

i. Ma sabitx ħtija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u minflok issib lill-imputat appellat Zac Zammit ħati ta' din l-imputazzjoni u timponi l-piena skont il-liġi.
ii. Imponiet piena ta' €500 fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u sussegwentement minflok timponi piena ai termini tal-liġi.

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu ġiet ordnata is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u dan sabiex l-Avukat Ġenerali jindika meta irċieva l-atti minn għand il-Qorti tal-Maġistrati wara li ngħatat is-sentenza tat-28 ta' Settembru 2021.

Semgħet ix-xiehda ta' Francesca Di Paolo mill-uffiċċju ta'l-Avukat Ġenerali fir-rigward.

Rat in-nota ippreżentata mill-Avukat Ġenerali tal-04 ta' Marzu 2022 fejn ġie ikkonfermat illi l-atti wasslu fl-Uffiċċju ta'l-Avukat fit-18 ta' Ottubru 2022 u l-appell ġie intavolat fit-03 ta' Novembru 2022.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma tinoltra ruhha f'eżami tal-appell intentat mill-appellant/appellat Zac Zammit, il-Qorti tqies li għandha tiddisponi mill-appell ta'l-Avukat Ġenerali billi meta ġiet biex teżamina l-atti kien evidenti illi dan l-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali huwa *fuori termine*.

L-appellat/appellant Zac Zammit huwa mixli li kkometta infrazzjonijiet tal-liġi kontra r-regolament imfassla fil-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52. Illi s-sentenza ngħatat mill-Ewwel Qorti fil-jum tat-Tlieta 28 ta' Settembru 2021 fejn huwa ġie misjub ħati biss tal-ewwel imputazzjoni u lliberat mit-tnejn l-oħra. L-Avukat Ġenerali nterpona l-appell tiegħu fil-jum tal-Erbgħa 03 ta'Novembru 2021 kontra dik il-parti tad-deċiżjoni liberatorju u wkoll fir-rigward tal-imposizzjoni tal-piena għall-ewwel imputazzjoni li dwaru l-appellant/appellat kien misjub ħati. Illi r-regolament 49 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52, jiddisponi testwalment:

> **49. Proċedimenti għal reat kontra dawn ir-regolamenti jittieħdu fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati(Għawdex), skond il-każ, u jimxu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.**

Illi appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali huwa regolat permezz tal-artikoli 413 et seq. tal-Kodiċi Kriminali fejn fl-artikoli 414(1) u 417(1) jingħad illi:

> **414.(1) Meta l-kawża titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li tagħti s-sentenza għandha, fuq talba bil-miktub magħmula lilha mill-Pulizija, jew mill-parti offiża notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew imdaħħla fil-proċeduri kif provdut fl-artikolu 410(4) u (5), mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol mill-għoti tas-sentenza, tibgħat lill-Avukat Ġenerali, bil-mezz tar-reġistratur, fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn dak in-nhar tat-talba, kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-kawża u max-xiehda, jekk din tkun tniżżlet bil-miktub.**
>
> **417.(1) L-appell jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b'rikors li għandu jiġi ppreżentat fi żmien tnax-il jum tax-xogħol, li jibdew igħaddu, għall-persuna misjuba ħatja u għall-kwerelant, mill-ġurnata tas-sentenza definittiva, u, għall-Avukat Ġenerali, minn dak in-nhar li jirċievi l-atti.**

Issa min eżami tal-atti jirriżulta illi ma ġie ippreżentat ebda talba bil-miktub mill-Pulizija quddiem l-Ewwel Qorti li permezz tiegħu il-Prosekuzzjoni tat avviż li bi ħsiebha tappella mis-sentenza. L-uniku timbru tal-Avukat Generali li jirriżulta mill-atti huwa dak fuq ir-rikors tal-appell tal-imputat Zac Zammit li jindika illi l-Avukat Generali rċeva kopja tar-rikors tal-appell ippreżentat fit-13 ta' Ottubru 2021 fil-jum tat-18 ta' Ottubru 2021. Illi fil-fatt dan huwa ikkonfermat kemm mix-xiehda ta' Francesca Di Paola ghall-Avukat Ġenerali, kif ukoll jemerġi min-nota ippreżentata mill-Avukat Ġenerali fl-04 ta' Marzu 2022 fejn hemm indikat illi n-nota ta' avviż għall-appell mill-Pulizija ma ġietx ippreżentata u l-atti ntbagħtu lill-Uffiċċju ta'l-Avukat Ġenerali mal-appell li ġie intvaolat mill-imputat Zac Zammit. L-Avukat Generali imbagħad beda jikkomputa it-terminu għall-preżentata tal-appell tiegħu minn dak il-jum u fil-fatt it-12 il-jum tax-xogħol mid-data tat-18 ta' Ottubru 2022 jiddekorru proprju fil-jum tat-03 ta' Novembru 2021.

Dan ifisser illi l-appell ta'l-Avukat Ġenerali huwa mhux biss *fuori termine* iżda irritu u null billi ma ġietx segwita il-proċedura imfassla fl-artikoli 414 u 417 tal-Kodiċi Kriminali hawn fuq iċċitati, u għalhekk il-Qorti mhijiex ser tieħu konjizzjoni ta'l-istess.

Ikkunsidrat:

Jifdal għalhekk biex jiġi ikkunsidrat l-appell intavolat mill-imputat Zac Zammit u dan limitatament fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti għall-ewwel imputazzjoni lilu imputata fejn huwa ġie mixli li ħaddem bastiment zgħir bil-mutur mingħajr liċenżja nawtika bi ksur tar-Regolament 29 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52. L-appellant jilmenta illi huwa ma kienx jenħtieġ liċenżja nawtika biex iħaddem it-*tender boat* li kien qed isuq u dan għaliex dan il-bastiment zgħir ma kellux magna b'saħħa ta' aktar minn 30HP u dan kif stipulat fir-regolament 29 u ir-regolament 1(2)(b)(ii) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52. Jikkontendi illi l-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta' *sticker* imwaħħla fuq il-mutur tal-bastiment li kienet taqra 30HP, u li fuqha straħet l-Ewwel Qorti, mingħajr ebda indaġini ulterjuri, kienet prova wisq fjakka sabiex setgħet tinstab ħtija. Jikkontendi illi l-Prosekuzzjoni kellha tressaq bħala xhud lil rappreżentant tal-*Yamaha Marine* f'Malta li seta' jikkonferma it-teżi tad-difiża u ċioe' illi l-mutur kien tal-għamla *Yamaha F30BETL 30HP Long Shaft Outboard b'engine type 4-stroke* b'saħħa ta' 22.1KW li meta konvertiti f'*horsepower* jammontaw għal 29.63HP.

Illi l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawza u dan sabiex jiġi indirizzat l-ilment tal-appellant Zac Zammit. Illi huwa minnu kif jikkontendi l-appellant illi l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni marbuta mas-saħħa tal-magna tat-*tender* kienet temani minn *sticker* imwaħħla fuq il-mutur li kienet tindika li din kellha saħħa ta' 30HP. Illi d-dokument l-ieħor li fuqu straħet l-Ewwel Qorti sabiex issib ħtija fl-appellant huwa il-*Maratime Enforcement Logging Sheet* eżebit a fol.9 tal-proċess li huwa rapport redatt mill-ufficjali tal-infurżar li waqqfu il-bastiment fis-06 ta' Ġunju 2019 u li fuqu niżżlu dak li irriżultalhom dak-inhar u dan kif ikkonfermat fix-xiehda tagħhom u ċioe' ta' Marvin Formosa u Mark Zammit.

Issa fix-xiehda tiegħu, Ian Zammit li huwa is-sid ta' dan il-bastiment żgħir li huwa it-*tender* għad-dgħajsa bl-isem *Anastasia*, jikkontendi illi l-magna ta' din it-*tender* hija tal-għamla "***Yamaha F30BETL 30HP Long Shaft Outboard engine type 4-stroke***" b'saħħa ta' 22.1KW li konvertiti f'*horsepower,* dawn iwasslu għal 29.63HP. In sostenn ta' dan jeżebixxi fotokopja ta' *manual* bi *specifications* li igħid li jappartjeni li din il-magna.

Illi ir-regolament 29 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52 jipprovdi hekk:

1) **Ħadd m'għandu jsuq xi bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur, jew jirmonka kwalunkwe persuna biex tiskija fuq il-baħar, fl-ibħra interni u territorjali ta' Malta kemm-il darba ma jkollux liċenza nawtika maħruġa mill-Awtorità, u jkun kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni għal dak l-ammont li jiġi approvat mill-Awtorità li jkun jindennizza lil dik il-persuna, dawk il-persuni jew klassijiet ta' persuni hekk kif jistgħu jiġu awtorizzati u koperti bil-polza kontra kull responsabbiltà li jistgħu ikollhom dawk il-persuni jew klassijiet ta' persuni għar-rigward ta' xi mewt jew feriment ta'persuna jew ħsara lill-proprjetà ta' terzi kaġunati mill-bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur jew mill-użu tiegħu, jew taħt il-kondizzjonijiet speċifiċi stipulati fir-regolament 36.**

Bir-regolament 1(2)(b)(ii) jipprovdi:

**Ir-regolament 29 dwar bastimenti żgħar li jaħdmu bil-mutur għandu jibda jseħħ, meta l-bastiment żgħir ikun immexxi b'magna jew b'magni li flimkien għandhom qawwa:**

**(ii) ta', jew iżjed minn, 30 H.P., fl-1 ta' Jannar,2011;**

Illi dan ifisser illi l-ħtieġa għal liċenzja nawtika tinsorġi kull meta jinsaq bastiment żgħir b'magna li għandha l-qawwa ta' 30HP jew iżjed. Illi l-Prosekuzzjoni, bil-provi minnha mressqa, tindika illi l-magna tat-*tender* mwaqqfa mill-Ufficjali tal-Infurzar fil-jum indikat fl-akkuża kienet tindika qawwa ta' 30HP u dan kif kien hemm indikat fuq l-i*sticker* imwaħħal fuq din il-magna. Illi biex tattakka din il-prova id-difiża ippreżentat biss fotokopja ta' *manual* li tikkontendi jappartjeni lil din il-magna, bl-oriġinal iżda qatt ma jiġi ippreżentat u bil-kopja lanqas tiġi ikkonfermata minn xi aġent tad-ditta *Yamaha* li, fil-fehma tad-difiża, kienet prova li tispetta lil Prosekuzzjoni.

Illi l-Qorti, madanakollu hija tal-fehma kuntrarja u ċioe' illi il-piż tal-prova kienet tispetta lid-difiża sabiex ixxejjen l-evidenza li kienet tidher *ictu oculi* indikata fuq il-magna stess li din għandha il-qawwa ta' 30HP. Illi allura għalkemm id-difiża wasslet sal-grad tal-possibbli, ċertament iżda ma laħħqitx il-grad meħtieġ minnha fil-kamp penali, iktar u iktar meta hi stess qed tindika illi l-qawwa tal-magna tlaħħaq id-29.63HP bid-differenza għal 30HP, fil-fehma tal-Qorti, tkun waħda negliġibbli u bil-fabbrika stess li timmanifatura din it-tip ta' magna allura tindika illi tista' tlaħħaq is-

saħħa ta' 30HP. Illi il-*manual* stess li jindika mudelli ta' magni F30A u F40A, jindikaw illi l-qawwa hija 29.9HP għal mudell F30A u F30EHA, u 39.9HP għal mudell F40A u F40EHA. Ċertament il-Qorti mhijiex tenuta toqgħod tfittex hi liema waħda tapplika għal mudell ta-magna misjuqa mill-appellant u allura ġjaldarba l-mudell kien qed jipprospetta ruħu, fuq il-wiċċ tiegħu, li jlaħħaq il-qawwa ta' 30HP, kien jispetta lil appellant jipprova b'mod konkret u xjentifiku, għas-sodisfazzjon tal-Qorti, illi l-magna tal-bastiment żgħir minnu misjuq, anke jekk wieħed kellu iqies l-i*specifications* minnu indikati, xjentifikament ma kienx ilaħħaq is-saħħa indikata fil-liġi, iktar u iktar meta hemm indikat fuq il-magna stess illi din fil-fatt tlaħħaq din il-qawwa. Kwindi l-Qorti tqies, bħall-Ewwel Qorti qabilha, illi l-appellant ma rnexxielux jipprova dak minnu allegat.

Illum jidher li l-appellant ottempera ruħu mal-liġi u għandu fil-pussess tiegħu liċenżja nawtika u dan kif jirriżulta mid-Dokument RM3 ippreżentat in atti.

Għaldaqstant il-Qorti ma tara ebda mottiv li tista' iġġiegħla titbiegħed mill-fehma tal-Ewwel Qorti meta sabet ħtija fl-appellant u lanqas mid-diskrezzjoni eżerċitata minnha fl-ikkalibrar tal-piena, li hija waħda indikata fil-liġi.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddisponi miż-żewġ appelli billi tiddikjara l-appell ta'l-Avukat Ġenerali irritu u null u kwindi tgħaddi biex ma teħux konjizzjoni tiegħu, u tiċħad l-appell tal-appellant Zac Zammit u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur